MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 17/1994/1

**Teresa armla minn Pinu Agius, u b'digriet tas-26 ta' Frar 2001**
**il-gudizzju gie trasfuz f'isem Gejtu Philip Agius f'ismu propju u**
**ghan-nom u in rappresentanza tal-imsiefer huh Thomas Agius u**
**ta' Mena mart Zaren Agius, Valenta mart Carmelo Mifsud, Philippa**
**mart Michael Cassar, Mary mart Toni Saliba, Joseph Agius, Salvu**
**Agius, Angela mart Martin Abdilla u Alfred Agius ahwa Agius ulied**
**il-mejjet Philip sive Pinu u Theresa nee Bartolo, Pinu Bartolo u**
**b'digriet tal-11 ta' Settembru 2001 il-gudizzju in kwantu Pinu**
**Bartolo gie trasfuz f'isem Guseppa Bartolo li diga hija rikorrenti**
**f'dawn il-proceduri, Felic Bartolo, Carmela armla ta' Eurcharistu**

**Vassallo, Carmelo Vella, Valenta Vella, Salvatore Vella, ulied il**
**-mejta Angela Vella, Giuseppa Bartolo, Maria Assunta mart**
**Tommaso Agius, u Antonia mart Philip Farrugia**

**Vs**

**Emmanuela mart Carmelo Caruana**

Il-Bord,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti, wara li premettew illi huma jikru l-ghalqa mlaqqma “Ta Wicc ir-Rahal” fil-limiti ta’ Haz-Zebbug, ta’ circa erbat itmien lill-intimata Emanuela Caruana, bil-qbiela ta’ hames liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm5.75,0) fis-sena, pagabbli f’Santa Maria u l-ewwel skadenza fil-15 t’Awissu 1994.

Illi l-esponenti ghandhom bzonn dan ir-raba biex jahdmu iben l-esponenti Teresa armla Agius, li jismu Joseph Agius, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

L-esponenti jitolbu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu:

(1) jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-ghalqa mlaqqma “Ta Wicc ir-Rahal” fil-limiti ta’ Haz-Zebbug, ta’ circa erbat itmien;
(2) jiffissa l-kumpens xieraq li talvolta jista jkun dovut skond il-ligi lill-kerrej intimata, u dan taht dawk il-modalitajiet li jidhrilu xierqa u opportuni.

Ra r-risposta tal-intimata (fol 3 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:

Illi r-rikorrenti u Joseph Agius, il-persuna minnhom indikata fit-talba taghhom ghar-ripresa tal-ghalqa, iridu jissodisfaw skond il-vot tal-ligi z-zewg kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 (2) tal-Att XV1 tal-1967;

Inoltre r-rikorrenti ghandhom bosta raba eihor u certament mhumiex dipendenti ghall-ghixien taghhom fuq ir-ripresa tal-ghalqa ‘de quo’;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema’ t-trattazzjoni.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti Pinu Bartolo, li miet fil-mori tal-kawza, beda billi qal (fol 6 et seq ibid) illi xtaq li jiehu l-art lura, flimkien mar-rikorrenti l-ohrajn peress li bin ohtu Guzeppi Agius “… daqqa jahdem daqa ma jahdimx” u ghalhekk peress li ma kellux xoghol bizzejjed, xtaq mal-ohrajn, li jaghtuha lil dan sabiex “…jkollu aktar x’jahdem”. Hu kompla jghid illi bin ohtu jahdem ghal rasu u jgorr terrapien b’’truck’ meta jinghata xoghol minn kuntratturi. Inoltre dan kien ukoll mizzewweg bit-tfal kif ukoll kellu di gja xi raba’ fuq ismu (.. “ftit ghandu raba’”).

Illi l-imsemmi Joseph ossija Guzeppi Agius xehed (fol 11 et seq ibid) ili hu kien jahdem biss bhala xufier fuq ‘truck’ u dan ghar-rasu u ma kellux raba’ iehor u ghalhekk xtaq li l-art in kwistjoni jahdimha hu. Hu issottolinea illi hu kien ha ritratti tal-istess art sabiex juri li din “… kull ma fih haxix hazin ghax ma fiha xejn mizrugh (ara r-ritratti a fol 9 tal-atti). In kontro esami, hu sema’ illi, bhala qliegh annwali, hu kien jdahhal madwar Lm4,000 li jinkludi ukoll xi ftit ta’ xoghol li jaghmel bil-gaffa in konnessjoni ma tnehhija tat-terrapien li hu jgorr fuq it-‘truck’. Dwar raba’ iehor hu sema’ illi ommu kellha wejba raba’ li, pero’, kienet tinhadem minn huh, Salvatore Agius. Inoltre hu eskluda l-bejgh tal-istess raba’ izda rega’ sostna illi hu riedu sabiex jahdem u jkollu prodott ghalih u ghall-familja tieghu kif ukoll illi hu “… gieli hdimt fir-raba’ u nifhem fih” avolja, qabel, hu ma setax “niftakar” l-isem tal-haxix hazin li hu kien semma’.

Illi, a fol 86 et seq ibid, tinsab ix-xhieda ta’ Stephen Mallia in rappresentanza tad-Direttur tas-Servizzi Veterinarji u dan spjega illi fis-6 ta’ Jannar 1999 Charles Caruana kien

gie registrat mad-Dipartiment imsemmi bhala wiehed "… li ma ghandix bhejjem" waqt li sad-9 ta' Lulju 1992, kien registrat … bhala li jrabbi l-bhejjem". Inoltre ma kienx irrizulta mill-verifiki li x-xhud ghamel, illi dan ir-ragel "… qatt dahhal xi bhejjem fil-biccerija ghall-qatla". In rappresentanza tad-Dipartiment tal-Agrikolutura, gie prodott Carmelo Sammut (fol 94 u fol 95 ibid) u dan ikkonferma li l-istess Charles Caruana kien registrat bhala bidwi izda "… fil-Pitkalija qatt ma dahhal biegha".

Ikkunsidra

Illi Charles Caruana (fol 18 u fol 26 et seq ibid) li jigi r-ragel tal-intimata, semma' li r-raba' in kwistjoni kien intiret, bhala qbiela, minn martu, l-intimata u kien dejjem jinhadem kif ukoll "… minn dejjem inrabbu ukoll xi annimali …" Hu assolutament ma qabilx ma dak li xehed Joseph Agius (ara 'supra') u bl-ebda mod ma wiehed seta' jghid illi l-art, kienet zdingata jew bil-haxix hazin. In rigward il-prodott, dan kien jintuza ghall-bzonnijiet tal-familja tieghu u tal-bhejjem u bhala fertilizzant jintuza d-demel prodott mill-istess bhejjem li jrabbi. In rigward tisqija, hu juza l-ilma ta' bir sitwat fl-sitess raba u go dan hemm ukoll kamra fejn jpoggi ghodda tar-raba. Dan kien l-uniku raba li jippossjedi izda kien ukoll xufier a' "char-a-banc" li hu tieghu u minn dan kien jaqla' nett, is-somma ta' madwar Lm3000 fis-sena'. L-istess xhud, meta riprodott, qal ukoll illi "… inbiegh Lm200, Lm300 qamh fis-sena'". Inoltre dwar ir-ritratti gja msemmija fuq, hu sostna illi "… dak li jidher huwa gargir li jitla' mal-qamh".

Illi, in atti, jigu notati zewg rapporti li saru mill-membri teknici tal-Bord (fol 48 u fol 121 ibid), wiehed dwar access li sar fil-11 ta' Frar 1997 u iehor fl-10 ta' Ottubru 2000 u min hemm jirrisulta illi r-raba kien mahdum sew u mizrugh il-bicca l-kbira kif ukoll roqgha zghira fejn jintefa' d-demel kif ukoll bir u kamra zghira antika.

Illi Nikola Aquilina (fol 20 u fol 33 et seq ibid) xehed li hu gieli ghen lil Charles Caruana fir-raba' in kwistjoni. Hu semma' li, sa fejn jaf hu, ir-raba kien dejjem mahdum.

Illi a fol 37 tinsab ix-xhieda ta' <u>Pinu Agius</u>. Presumibilment dan hu l-istess rikorrenti <u>Pinu Bartolo</u> riprodott in kontro esami. Hawnhekk hu rega' temma' illi ried lura l-pussess tar-raba' in esami sabiex dan jinghata lil Joseph Agius ghal skopijiet agrikoli. Hu cahad li kien qed jipprova jew ipprova jinnegozja l-istess raba" u specifikatament in rigward certu Fredu Camilleri mlaqqam "Ta' Gianna". Dwar dan tal-ahhar, hu innega li ".. jiena staqsejtu ghal Lm30,000 ghal din l-art …". L-imsemmi <u>Alfred Camilleri</u> gie prodott biex jixhed (fol 49 et seq ibid) u dan beda billi qal illi, peress li kien jaf illi Carmelo Caruana mizzewweg lill-intimata, kien jahdem l-istess raba', hu kien avvicinah sabiex it-tnejn flimkien jixtru l-istess raba', nofs kull wiehed. Hawnhekk Carmelo Caruana kien qallu li "… ma ridx peress illi ma kienx jaf kemm kienu (u) qed jitolbu ghaliha" izda kien accetta meta x-xhud issugerixxa li tigi akkwistata flimkien. Ghalhekk hu kien avvicina huttab u dan "certu Karmnu" kien qallu li s-sidien riedu jbieghuha. Difatti, meta Pinu Bartolo (ara supra') gie avvicinat u dan, wara li qal li ma kienx "wahdu" kien "… talab xi Lm30,000" u l-istess xhud kien ghamel kontro proposta' ghal din il-figura, u dan kollu madwar hames xhur qabel ma kien xehed cjoe qabel l-14 t'Ottubru 1997. Dan in-negozju, pero, kien "spicca" peress li Carmelo Caruana kien ra illi l-prezz suggerit minn Pinu Bartolo kien "gholi". L-istess sensar, <u>Carmelo Camilleri</u> (fol 60 et seq ibid) u dan beda billi qal illi "Kien hemm xi darba li gie jkellmu wiehed imlaqqam "Ta' Gianna" pero' ma niftakar xejn aktar" u dan dwar raba' ta' "<u>Pinu Bona</u>". Hu kompla jghid illi "Ta' Gianna" "… kien qalli jekk jiena nistax inbieghlu l-ghalqa" b'referenza ghar-rikorrenti. Hu ssottolinea illi "Pinu qatt ma gie ghandi minn jeddu sabiex ibiegh" u l-istess "Pinu" kien jghid "irrid nghid lill-haddiehor". L-istess xhud qal illi ma setax jiftakar jekk Pinu Bartolo semmax il-figura ta' Lm30,000 ossija "… ma nistax nghid li din issemmiet".

<u>Ikkunsidra</u>

Illi, esklus li gie pprovat, b'xi mod, u konvincentement, illi r-rikorrenti Pinu Bartolo ried jinnegozja l-istess raba', wiehed jrid jara jekk dak mitlub mir-rikorrenti jissodisfax

dak sottomess fir-risposta tal-intimata in rigward l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta specifikatament "iz-zewg kondizzjonijiet" hemm specifikati. Dan l-artikolu jghid illi rikors bhal dak in esami ghandu jigi milqugh f'kaz li sid – kera jipprova illi hu ghandu bzonn l-istess raba' ghal skopijiet agrikoli jew minnu personalment jew minn xi membru tal-familja tieghu u dan ghal perjodu ta' mhux anqas minn erba' (4) snin konsekuttivi dekoribbli mid-data ta' terminazzjoni. Pero' fl-ewwel (1) proviso jinghad illi din ic-cirkostanza ma tkunx sufficjenti biex rikors bhal dak in esami jigi milqugh, jekk il-kerrej jipprova li r-raba' in kwisjtoni jkun fonti importanti tal-ghixien tieghu u tal-familja tieghu u jekk il-Bord jkun sodisfatt li l-kerrej ibati aktar minn sid il-kera jekk l-istess rikors jigi milqugh.

Illi f'dan il-kaz irrisulta mill-provi illi Joseph Agius, "ex admissis" u fid-data meta xehed kellu qliegh annwali, bhala "self employed", ta' Lm4000 u dan mix-xoghol tieghu bhala sid ta' "truck" uzat ghal garr ta' terrapien, skond ma jinghata tali inkarigu minn kuntratturi fil-bini. Minn naha l-ohra, ir-ragel tal-intimata. Charles Caruana kien ukoll "self employed" bhal sid ta' "char-a-banc" u stqarr li kellu qligh ta' madwar Lm3000 fis-sena', kif ukoll kien juza l-prodott mir-raba in kwistjoni ghal bzonnijiet tal-familja tieghu u ta' ftit bhejjem li kien jrabbi. Wara li jigu meqjusa dawn is-sitazzjonijiet taz-zewg nahat in rigward "hardship" ossija 'tbatija', wiehed jrid jikkonkludi illi :-

a) jidher mill-istess provi illi l-ghalqa in esami tifforma parti importanti ghall-ghixien tal-intimata u tal-familja taghha tenut kont tal-qliegh li dawn jirrikavaw mill-istess raba' maghdud ma dak li r-ragel tal-intimata jaqla mix-xoghol tieghu bhala "self employed" kif hawn fuq deskritt.
b) Jigi rilevat ukoll illi jekk dan ir-rikors jigi milqugh, il-Bord jara li l-intimata tbati aktar mir-rikorrenti specjalment l-imsemmi Joseph Agius.

Illi, ghalhekk, ladarba ma gewx sodisfatti z-zewg kondizzjonijiet hawn fuq citati, it-talba in esami ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, il-Bord jichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti mill-istess rikors waqt li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------